

Brussell, 12 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9919/1/22
REV 1

POLCOM 44
WTO 108

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-ewwel konklużjonijiet tal-Kunsill fil-bidu tat-Tnax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-ewwel konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tnax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2022.

L-ewwel konklużjonijiet tal-Kunsill**fil-bidu tat-Tnax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

1. L-Unjoni Ewropea hija impenjata lejn sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli b'WTO modernizzata fil-qalba tagħha. L-UE tappoġġa pakkett ambizzjuż u realistiku għat-Tnax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (MC12), u tistenna li l-Membri kollha tad-WTO jagħtu kontribut kostruttiv, skont il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom.
2. Il-Kunsill ifakkar fid-dikjarazzjonijiet konġunti preċedenti tiegħu rigward il-gwerra ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa bl-appoġġ tal-Belarussja kontra l-Ukrajna. Huwa jfakkar li jinsab f'solidarjetà mal-poplu tal-Ukrajna. Ir-Russja qed tagħmel attakki kontra l-popolazzjoni ċivili u qed timmira għal oġġetti ċivili, inkluż sptarjiet, faċilitajiet mediċi, skejjel u refuġji. Dawn id-delitti tal-gwerra jridu jieqfu minnufih. Dawk responsabbli, u l-kompliċi tagħhom, ser ikollhom iwieġbu għal għemilhom skont id-dritt internazzjonali. Ir-Russja trid twaqqaf minnufih l-aggressjoni militari tagħha fit-territorju tal-Ukrajna, u tirtira immedjatament u mingħajr kondizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu tal-Ukrajna, u tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

3. Il-Kunsill ifakkar fil-prijorità li jagħti lir-riforma tad-WTO u l-intenzjoni tal-UE li taqdi rwol ewlieni f'dan ir-rigward. Jissottolinja l-importanza tar-riforma tad-WTO fil-funzjonijiet ewlenin tagħha sabiex tkun tista' tkompli tikseb l-oġettivi tagħha b'mod effettiv u tindirizza l-isfidi tas-Seklu 21, inkluż billi tiżgura kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd. Il-Kunsill jisħaq, b'rabta ma' dan, fuq l-importanza li l-klima u s-sostenibbiltà jiġu integrati fl-aġenda tad-WTO kif ukoll li tiġi stabbilita b'mod aktar sod in-newtralità kompetittiva fi ħdan id-WTO. Il-Kunsill jenfasizza, bħala prijorità, il-ħtieġa għal riforma sinifikattiva sabiex terġa' tinkiseb sistema tad-WTO għas-soluzzjoni ta' tilwim li tiffunzjona b'mod sħiħ fejn il-karatteristiċi ewlenin tagħha jinżammu intatti, il-ħtieġa li tiġi riformata l-funzjoni ta' monitoraġġ u deliberazzjoni tad-WTO, kif ukoll ir-rwol tad-WTO bħala forum ta' negozjar biex jiġu żviluppati regoli ġodda u aġġornati. Il-Kunsill jappoġġa t-tneđija ta' reviżjoni komprensiva permezz ta' proċess strutturat taħt l-awspiċċi tal-Kunsill Ġenerali, tal-operazzjoni tad-WTO bil-ħsieb li jsiru r-riformi meħtieġa biex jitjiebu l-funzjonijiet tagħha sal-Konferenza Ministerjali li jmiss. Rigward is-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim u l-Korp tal-Appell, l-UE tissottolinja l-importanza li jsiru diskussjonijiet bil-ħsieb li sal-MC13 ikun hemm sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim li taħdem sew u li tkun aċċessibbli għall-Membri kollha.
4. L-isfidi dejjem akbar tas-sigurtà tal-ikel li jirriżultaw mill-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna huma kritiċi. Il-Kunsill ser jappoġġa l-isforzi fl-MC12 biex jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel. Il-Kunsill jappoġġa eżiti bbilanċjati fil-qasam tal-agrikoltura, partikolarment titjib fit-trasparenza, inkluż b'rabta mar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, u deċiżjonijiet multilaterali biex jiġi eżentat ix-xiri umanitarju mill-Programm Dinji tal-Ikel mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, u, aktar ġeneralment, biex jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jappoġġa t-tneđija ta' programmi ta' ħidma, b'elementi ewlenin li jiggwidaw in-negozjati futuri, f'oqsma bħall-appoġġ domestiku li joħloq distorsjoni fil-kummerċ u soluzzjoni permanenti għall-akkumulazzjoni ta' riżerva pubblika għas-sigurtà tal-ikel, fost oħrajn.

5. Ir-reazzjoni tad-WTO għall-pandemija hija waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti għall-Konferenza Ministerjali li jmiss. Din ir-reazzjoni għandha tikkontribwixxi għal soluzzjoni sodisfaċenti biex tiżdied id-disponibbiltà tal-vaċċini kontra l-COVID-19 fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kunsill jappoġġa eżitu dwar il-Kummerċ u s-Saħħa li jtejjeb ir-rispons tas-sistema kummerċjali għall-isfidi mqajma mill-pandemija, li jkopri fost oħrajn it-tnaqqis ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ, trasparenza msaħħa, kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u elementi rilevanti oħra. Dan ir-rispons għandu jinkludi wkoll it-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-użu tal-flessibbiltajiet disponibbli skont il-ftehim TRIPS.
6. Bil-ħsieb tal-MC12, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li n-negozjati dwar is-sussidji tas-sajd jiġu konklużi b'eżitu sostantiv, f'konformità mal-għan ta' żvilupp sostenibbli 14.6 tan-Nazzjonijiet Uniti, li jappella lill-Membri tad-WTO biex jipprojbixxu ċerti forom ta' sussidji tas-sajd li jikkontribwixxu għal kapaċità żejda u sajd eċċessiv, u jeliminaw sussidji li jikkontribwixxu għas-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU), u joqogħdu lura milli jintroduċu sussidji ġodda minn dawn. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jintlaħaq ftehim ambizzjuż u koerenti li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà globali tar-riżorsi tas-sajd, f'konformità mal-politiki rilevanti tal-UE li jiżguraw sajd ambjentalment sostenibbli u konsistenti mal-oġettiv li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi u soċjali.
7. Il-Kunsill ifakkar fil-proposti kosponsorjati mill-UE dwar in-notifiki u t-tħassib kummerċjali u jappella għal progress f'dawn il-kwistjonijiet fl-MC12.
8. Il-Kunsill jistenna wkoll b'interess it-tiġdid tal-moratorji multilaterali dwar il-kummerċ elettroniku u dwar it-TRIPS.
9. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni tan-negozjati dwar ir-regolamentazzjoni domestika tas-servizzi fit-2 ta' Diċembru 2021 u l-finalizzazzjoni sussegwenti tal-iskedi tal-impenji tal-Membri.

10. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi li qed isiru mill-Membri tad-WTO għal kooperazzjoni plurilaterali permezz ta' Inizjattivi ta' Dikjarazzjoni Konġunta, partikolarment għall-kummerċ elettroniku, il-faċilitazzjoni tal-investment għall-iżvilupp u fil-qasam tal-kummerċ u l-ambjent, li jippermettu lill-Membri jaħdmu flimkien aktar mill-qrib fuq kwistjonijiet urġenti.
11. Il-Kunsill japprova l-abbozzi ta' Dikjarazzjonijiet u Stqarrijiet dwar:
- a. *Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Kummerċ u s-Sigurtà tal-Ikel (WT/MIN(22)/W/17)]*
 - b. *Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji ("Dikjarazzjoni Sanitarja u Fitosanitarja għat-Tnax-il Konferenza Ministerjali tad-WTO: Reazzjoni għall-isfidi moderni sanitarji u fitosanitarji") (WT/MIN(22)/W/3/Rev.1).*
 - c. *Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Grupp ta' Ottawa dwar ir-Riforma tad-WTO (ST 10034/1/22 REV1)*
12. Il-Kunsill jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex l-MC12 tkun suċċess u jistenna b'interess li jkun hemm koordinazzjoni tajba bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ser jivvaluta l-progress magħmul bil-ħsieb li jintlaħaq riżultat bilanċjat konformi mal-kondizzjonijiet stipulati hawn fuq. Għal dan l-għan, il-Kunsill jistenna b'interess il-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tat-testi tal-abbozzi ta' Dikjarazzjonijiet u Stqarrijiet diskussi fi ħdan id-WTO.
-